TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Ottavio Terribile

vs

Pubblikazzjonijiet Indipendenza

CCT 71/19/MS

23 ta' Ottubru 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti fejn talab ir-rifuzjoni ta' €640.00, prezz ta' parti minn sett ta' volumi ta' pubblikazzjoni dwar "Tezori tal-Knejjes Maltin" mixtri minghand l-azjenda intimata, liema pubblikazzjoni baqghet ma gietx ippublikata fl-intier taghha.

Ra illi l-azjenda intimata debitament notifikata kemm bl-avviz kif ukoll bis-smiegh tal-kawza, ma ghamlet l-ebda risposta u lanqas ma dehret ghas-seduta quddiem dan it-Tribunal biex taghti l-verzjoni taghha, jew b'xi mod ghamlet xi ostakolu ghal prolazzjoni tas-sentenza.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi fis-sena 2002, ir-rikorrenti beda jixtri sett ta' volumi ta' pubblikazzjoni dwar Tezori tal-Knejjes Maltin li kien fih tmintax - il volum. Dak iz-zmien dawn kienu jiswew sittax il-lira Maltin (ekwivalenti ghal €39.00). Sas-sena 2013 kienu gew ippubblikati sittax - il volum, pero' ghal xi raguni, l-ahhar zewg volumi baqghu ma gewx ippubblikati. Ir-rikorrenti ghamel kuntatt mal-azjenda intimata, li min-naha taghha assikuratu li dawn il-volumi kienu ser johorgu. Pero' dan ma sarx. Wara diversi tentattivi, ir-rikorrenti qata' qalbu u rrikorra ghal dawn il-proceduri fejn qed jippretendi li jew jircievi l-kumplament tal-volumi (17 u 18), jew jiehu flusu kollha lura u jaghti l-volumi lura.

Illi l-azjenda intimata ma dahlet l-ebda risposta u lanqas dehret quddiem dan it-Tribunal biex tispjega jew taghti verzjoni ohra, li b'xi mod jikkontrasta dak li qed jghid ir-rikorrenti. Terga' u tghid, skond ix-xhieda tar-rikorrenti dan kien imwieghed tmintax - il volum u li kieku kien jaf li dawn ma kinux ser jigu

ppubblikati kollha, ma kienx jidhol ghal din l-ispiza. Ma nghata ebda raguni il-ghala l-ahhar zewg volumi baqghu mhux ippubblikati.

Illi fic-cirkostanzi, t-Tribunal m'ghandux triq ohra hlief li jilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, jilqa' t-talba u jikkundanna l-azjenda intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' €640.00. B'dan illi l-azjenda intimata hija awtorizzata li tiehu lura l-kotba kollha wara li jsir il-hlas. Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru